MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 2633/2000/1

**Direttur Generali tal-Qrati**

**v.**

**Pinu Axiaq**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan l-appell huwa dwar talba ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ta’ l-20 ta’ Gunju 2000 li ddecidiet li l-appellat Pinu Axiaq kien sofra ingustizzja, in kwantu qed jigi allegat min-naha tal-Gvern li dik id-decizjoni hija *ultra vires* il-poteri ta’ l-istess Tribunal, u bhala tali ghandha tigi dikjarata nulla.

Il-fatti saljenti huwa s-segwenti: l-appellat Pinu Axiaq huwa ex-impjegat tal-Qorti li kien ilmenta li, ghall-perjodu twil waqt l-impjieg tieghu – mill-1983 sa meta irtira bl-eta` fl-1989 - huwa kien qed jaghmel xoghol ta’ Marixxall tal-Qorti, li kien xoghol ta’ grad superjuri ghall-kariga li kien jokkupa u ma kienx “kommensurat fil-hlas ta’ salarju ekwivalenti ghal dan il-post”. It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji[1], wara li stabbilixxa l-fatti u senjatament li dak allegat kien effettivament minnu, irrakomanda li l-appellat jinghata kumpens fis-somma ta’ elf Lira Maltija (LM1000), u dan, fi kliem id-decizjoni ta’ l-imsemmi Tribunal, “peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv”[2].

Fic-citazzjoni tieghu, l-appellant, allura attur, id-Direttur Generali tal-Qrati talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

1. tiddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ta’ l-20 ta’ Gunju 2000, fl-ismijiet: *Pinu Axiaq vs. Direttur Generali tal-Qrati* (Rikors numru 463/97) hija *ultra vires* il-poteri ta’ l-istess Tribunal billi tivvjola d-dispozizzjonijiet ta’ l-Att numru VIII ta’ l-1997, ghar-ragunijiet spjegati fic-citazzjoni, dwar il-kompetenza tat-Tribunal u l-procedura li kellha tkun osservata mit-Tribunal; u

2. thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal imsemmi in kwantu ezorbitat mill-poteri tat-Tribunal u mill-proceduri stabbiliti taht l-Att numru VIII ta’ l-1997.

L-appellat, allura konvenut, Pinu Axiaq eccepixxa:

---

[1] Imwaqqaf skond l-Att VIII ta’ l-1997, illum il-Kap. 394.

[2] Artikolu 7(9)(d) tal-Kap. 394. Ara kopja tad-decizjoni, fol. 6 sa 12 ta’ l-atti.

"Illi l-azzjoni ta' l-impunjattiva tad-decizjoni moghtija hi fiergha u vessatorja u jidher li saret biss in kwantu l-Att VIII ta' l-1997 ma jipprovdix ghad-dritt ta' appell, u lanqas li jigi krejat xi tribunal gdid.

"F'kull kaz id-decizjoni ma nghatatx *ultra vires* il-poteri vestiti fit-Tribunal adit, u zgur li fis-setgha rakkomandatarja tieghu t-Tribunal ma vvjola l-ebda norma jew disposizzjoni ta' l-Att. Salvi eccezzjonijiet ohra."

B'sentenza tas-7 ta' Jannar 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-vertenza billi cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

**"L-attur odjern qed jattakka decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fil-proceduri "Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti" (rikors numru 463/97) determinati fl-20 ta' Gunju 2000 inkwantu qed jinghad li dik id-decizjoni kienet *ultra vires* il-poteri tal-istess Tribunali u bhala tali ghandha tigi dikjarata nulla.**

**"Il-kaz kien jikkoncerna ex impjegat tal-Qorti li kien qed jilmenta li, ghall-perjodu twil waqt l-impjieg tieghu, huwa kien qed jaghmel xoghol ta' grad superjuri ghall-kariga li kien jokkupa u ma kienx kommensurat fi hlas ta' salarju ekwivalenti ghal dik il-kariga. It-tribunal wara li stabilixxa l-fatti u senjatament li dak allegat kien effettivament minnu, ssugerixxa li l-konvenut odjern jinghata kumpens fis-somma ta' LM1,000 bi tpattija ghall-introjtu li kien tilef u dan in vista tal-fatt li l-persuna involuta ma kienetx aktar impjegata u ghalhekk ma kienx l-kaz ta' promotion.**

**"Din il-Qorti ma hijiex koncernata mar-rakkomandazzjonijiet li ghamel it-Tribunal fil-kaz sotto-ezami, billi mhux qed jigi allegat li dik ir-rakkomandazzjoni hija b'xi mod karpita b'xi element li jista' jirrendiha nulla, izda l-indagini hija aktar bazika u tikkoncerna l-kompetenza proprja ta' dak it-Tribunal**

**fil-konsiderazzjoni tal-kaz numru 463/97. F'dan ir-rigward qed jigi sottomess, u ghandu jinghad, korrettament mill-attur, li l-poteri tat-Tribunal kostitwit in forza ta' l-Att VIII tal-1997 huma elenkati u cirkoskritti b'mod ezawrjenti fl-artikolu 6 tal-istess Att. Inoltre l-istess Att fid-definizzjoni tieghu ta' *"ingustizzja"* u *"persuna aggravata"* li ghaliha japplika l-Att, jorbot kollox ma dak li jinghad fl-imsemmi Artikolu 6. Dan l-Artikolu jistabilixxi li:**

**"It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:**
**(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' uffcjali pubblici;**
**(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;**
**(c) dhul fl-impjieg;**
**(d) licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi;**
**(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.**

**"Ghalhekk it-Tribunal huwa vestit b'awtorita` li jinvestiga biss dawk l-ingustizzji elenkati fl-artikolu in kwistjoni u xejn aktar.**

**"Issa qed jigi sottomess li l-konvenut qatt ma allega li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tieghu li sehhet *"konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita".* Anzi qed jinghad li l-fatt li ma kienx hemm promozzjonijiet fil-perjodu in kwistjoni, huwa prova ta' nuqqas ta' tali diskriminazzjoni. Isegwi li, skond l-attur odjern, t-Tribunal ma kienx vestit b'awtorita` li jinvestiga l-kaz ta' Pinu Axiaq u jiddetermina, kif ghamel, dwar l-ilment. Jigi rilevat li fil-proceduri quddiem it-Tribunal**

**din l-kwistjoni ma gietx ezaminata u dana principalment billi l-istess Direttur Generali tal-Qrati lanqas biss indenja ruhu li jippresenta risposta ghall-att promotorju kif gie rilevat fis-sentenza tal-istess Tribunal.**

**"Din il-Qorti tosserva li l-attur qed jibbaza d-dritt ta' din il-Qorti li tistharreg l-eghmil tat-Tribunal fuq l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-ezercizzju huwa zbaljat u ghal kollox superfluwu. Infatti t-Tribunal huwa kostitwit biex jindaga huwa stess l-eghmil amministrattiv u bl-ebda mod l-funzjoni tieghu ma jista' qatt jinkwadra fid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" kif stabbilit fl-imsemmi artikolu. Id-dritt ta' din il-Qorti li tistharreg il-validita` o meno ta' pronunzjament ta' l-istess Tribunal ma johrog mill-artikolu imsemmi izda mill-principju generali li jikkonferixxi fuq din il-Qorti d-dritt li tara li jkun gie rispettat l-principju tal-*"fair hearing"* u li dak it-tribunal ma jkunx agixxa *"ultra vires".* Huwa proprju dan it-tieni aspett tar-*"right of review"* li qed jigi invokat mill-attur odjern billi qed jinghad li t-Tribunal ma kienx kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment li ngieb quddiemu. Dan id-dritt tal-Qorti konfermat f'diversi pronunzjamenti precedenti lanqas biss ma qed jigi kkontestat mill-konvenut kif jidher ampjament minn nota tal-osservazzjonijiet tieghu.**

**Ikkunsidrat:-**

**"Ma hemmx kontestazzjoni li mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal rrizulta bla ebda dubju li l-konvenut odjern kien jezegwixxi l-funzjonijiet ta' Marixxall tal-Qorti meta ma kienx jokkupa din il-kariga. Jidher ukoll li dan l-istat ta' fatt kellu jkun ta' natura temporanja billi Pinu Axiaq kellu jinghata din il-kariga wara li jkun ha certa esperjenza. Izda jirrizulta li tul il-perjodu kollu li l-konvenut odjern agixxa bhala Marixxall u anke okkupa l-kariga ta' kustodju qatt ma ircieva l-kumpens relattiv marbut ma dawn il-karigi. Il-Bord irraviza f'din is-sitwazzjoni ngustizzja fil-konfront tal-konvenut odjern billi, kif sewwa gie rilevat**

**mill-istess Bord *"mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens".* Fil-verita` din il-Qorti minghajr ma tixtieq izzid jew tnaqqas xejn mill-hsieb espress fis-sentenza imsemmija, hija tal-fehma li l-kwalifika ta' *"zmien twil"* biex wiehed jiehu dak li proprjament haqqu lanqas ma hija rikjesta. Ix-xoghol u r-responsabbilita` jirrispekkja l-grad li wiehed jokkupa u dak ix-xoghol necessarjament ghandu jkun kumpensat adegwatament skond il-grad li jirrifletti, altrimenti d-diversi gradi fis-servizz civili ma jaghmlux sens.**

**"Il-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu qed jissottometti hekk fir-rigward:**

***"L-ilment tal-esponent jinkwadra ruhu f'eskluzjoni indebita mill-possibilita` ta' promozzjoni jew hatra bhala marixxall, b'mod li sofra hsara konsistenti f'telf ta' flus u fit-telf ta' pensjoni ahjar. L-argument tal-attur li fiz-zmien in kwistjoni ma kienu(x) hargu appointments lil hadd ma jnaqqas xejn mill-ingustizzja li saret fil-konfront ta' l-esponent. L-azzjoni ta' l-attur li ma jaghtix il-hatra jew promozzjoni lill-esponent bhala marixxall kienet ingusta minnha nfisha".***

**"Din il-Qorti taqbel pjenament ma din is-sottomissjoni billi b'decizjoni amministrattiva – cioe` li ma jinhatrux Marixxalli – il-konvenut kien qieghed effettivament jigi privat mid-drittijiet tieghu ta' promozzjoni u t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji gie appozitament kostitwit biex jara li affarijiet simili ma jirrikorrux. Din il-Qorti ghalhekk ma tirraviza ebda inkompetenza tat-Tribunal fil-kaz ta' Pinu Axiaq (Rikors numru 463/97)."**

**L-appell**

Id-Direttur Generali tal-Qrati appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. It-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma kellux gurisdizzjoni li jiehu konjizzjoni ta' l-ilment ta' l-appellat billi huwa kellu gurisdizzjoni fejn il-Gvern ikun ghamel xi haga hazina, u mhux f'kazijiet, bhal dak odjern, fejn il-Gvern ma jkun ghamel xejn u fejn ma kien hemm l-ebda promozzjoni;
2. Illi s-setgha tal-Qrati ordinarji li jissindikaw decizjonijiet tat-Tribunal jemani mill-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, u mhux mill-principju generali li jikkonferixxi fuq dawn il-Qrati d-dritt li jaraw li dak it-Tribunal ma jkunx agixxa *ultra vires*;
3. Illi l-ewwel Qorti implikat fis-sentenza taghha li setghet rat it-talba tieghu f'dawl iehor kieku kien issolleva l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni quddiem it-Tribunal;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-appellant jilmenta illi mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal ma kienx jirrizulta li l-appellat kien jezegwixxi l-funzjonijiet ta' Marixxall tal-Qorti meta ma kienx jokkupa din il-kariga; u
5. Illi l-ewwel Qorti u t-Tribunal interpretaw il-kliem *"ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita"* fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394, b'mod erroneju anke mil-lat ta' l-ispirtu politiku u r-*ratio legis* ta' dak l-Att.

Fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell, l-appellat Pinu Axiaq bazikament wiegeb ghad-diversi ilmenti ta' l-appellant Direttur Generali tal-Qorti. Din il-Qorti, pero`, ma tarax li ghandha ghalfejn tirrepeti l-argumenti migjuba mill-imsemmi appellat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dawn l-aggravji ser jigu kkunsidrati *seriatim* b'dan, pero`, li fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu logikament jigi l-ewwel ikkunsidrat it-<u>tieni</u> aggravju ta' l-appellant li jikkoncerna il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jistharrgu l-validita` ta' decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, stante li kwistjoni ta' gurisdizzjoni hija il-*fons et origo* tas-setghat tal-Qrati.

**It-Tieni Aggravju**

Permezz ta’ dan l-aggravju, l-appellant jillanja illi hemm inkonsistenza fis-sentenza appellata fil-paragrafu li jibda *“Din il-Qorti tosserva ...”* (pagna 6, fol. 73 tal-atti), jigifieri dwar, min-naha l-wahda, is-superfluwita` li l-Qorti tistharreg a bazi ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, peress li, skond l-ewwel Qorti *“(i)t-Tribunal huwa kostitwit biex jindaga huwa stess l-eghmil amministrattiv”* u min-naha l-ohra s-setgha tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li tistharreg il-validita` o meno ta’ pronunzjament ta’ l-istess Tribunal, mhux skond l-Artikolu 469A izda skond il-*“principju generali li jikkonferixxi fuq din il-Qorti d-dritt li tara li jkun rispettat il-principju ... li dak it-Tribunal ma jkunx agixxa ultra vires.”* Din il-Qorti, pero`, ma tirriskontra l-ebda inkonsistenza f’dak li qalet l-ewwel Qorti; anzi taqbel perfettament mal-konkluzjoni ta’ dik il-Qorti illi l-istharrig gudizzjarju ta’ tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, bhalma huwa t-Tribunal in kwistjoni, ma jistax isir in forza ta’ l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta’ gustizzja ta’ kompetenza civili, ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta’ xi *eghmil amministrattiv* jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi artikolu, il-frazi *“‘eghmil amministrattiv’ tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ...”.* L-istess sub-artikolu jipprovdi li l-frazi *“‘awtorita` pubblika’ tfisser il-Gvern ta’ Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta’ ligi.”*

Huwa car li fil-waqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista’ jaqa’ fid-definizzjoni ta’ *“awtorita` pubblika”* ghall-fini ta’ din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta’ din il-Qorti (diversament komposta[3] fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et** deciza fit-18 ta’ Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:

[3] S.T.O. Prim Imhallef J. Said Pullicino u Onor. Imhallfin Carmel A. Agius u Joseph D. Camilleri.

*"L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skond il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l-gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalita`. "Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi avdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (**Joseph Farruga v. Emanuel Cilia Debono** – 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll **Montalto v. Chircop** – PA 18 ta' April 1987; **Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe** – PA 19 ta' April 1990; **Anthony Borg Cardona v. Joseph Busuttil et noe** – 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn."* [4]

Huwa wkoll rilevanti li meta kien ghadu fis-sehh l-Artikolu 742(2) li kien introdott bl-Att VIII ta' l-1981[5] u li kien l-ewwel tentattiv legislattiv biex jirregola – skond xi whud, biex jargina u jillimita – l-istharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **John Holland nomine v. Julian Schembri** deciza fl-20 ta' Mejju 1991, irriteniet illi dan l-Artikolu 742(2) (kif kien jaqra qabel l-emendi apportati bl-Att XXIV ta' l-1995) kien irrelevanti ghal fini ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet ta' tribunal amministrattiv.

Ghalhekk jidher li l-Qrati Maltin dejjem irritenew illi s-setgha taghhom li jissindikaw decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji, temani mill-gurisdizzjoni ordinarja li l-ligi (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12, Artikolu 32(1)) tikkonferixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tiehu konjizzjoni ta' kawzi ta' natura civili li

[4] Ara wkoll fl-istess sens **Eden Leisure Group Ltd. v. Salvino Borg D'Anastasi** deciza minn din il-Qorti (S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano u Onor. Imhallfin Anton Depasquale u Alberto Magri) fis-27 ta' Gunju 2003.
[5] Abrogat bl-Att XXIV ta' l-1995.

ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' xi qorti ohra bis-sahha ta' xi ligi ohra [6].

Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1901 fl-ismijiet **Riccardo Ullo Xuereb v. Enrico Magro nomine**[7] il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat illi:

*"E` vero che dove esistono tribunali rivestiti della giurisdizione di prendere cognizione e giudicare di questioni di amministrazione, quei tribunali, e non il tribunale civile, sarebbero competenti a giudicare controversie simili alla presente; ma e` vero, altresi`, che sarebbe esorbitante se, per difetto di esistenza presso di noi di quei tribunali, nessun altro degli esistenti potesse giudicarne; cio condurrebbe a fare del Direttore delle Scuole, o del Consiglio Universitario, o una persona, o un corpo ex lege, i cui atti amministrativi sarebbero arbitrari in quanto non criticabili innanzi al potere giudiziario e correggibili dalla stesso. Che inoltre la disposizione dell'articolo 41 delle Leggi di Procedura Civile, assoggettando alla giurisdizione di quella Corte tutte le cause di natura civile, e tutte altre per espressa disposizione di legge commessele, o da essa fin ora solite conoscersi, e sulle quali nulla avessero innovato le dette Legi di Procedura, rende quella Corte competente a prendere cognizione della presente causa e giudicarne ..."* [8].

Din l-interpretazzjoni tal-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li inghatat fil-bidu tas-seklu ghoxrin baqghet tigi segwita mill-Qrati Maltin ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-istharrig gudizzjarju ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji. Apparti is-sentenzi imsemmija fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v.**

[6] It-tibdil fil-lokuzzjoni tal-Artikolu 32(2) b'rizultat ta' l-emendi introdotti bl-Artikolu 16 tal-Att XXXI tal-2002 fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu xejn fis-sustanza minn dan il-principju.

[7] U konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Gunju 1908 -- Vol. XX-I-147.

[8] L-Artikolu 32(1) qabel ma gie sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995 kien jaqra hekk: *"Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta' natura civili, u dak il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s'issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma biddel dan il-Kodici."*

**Kummissjoni Elettorali**, *supra*, wiehed jista' wkoll jirreferi ghas-segwenti sentenzi:

(a) *"Illi ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi illi att diskrezzjonali ta' ufficjal jew korp amministrativ jista' jigi sindakat mill-Qorti fis-sens biss li t-tribunal jara jekk l-att hux legali ("within the terms of the statute"), jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega ("complied with regulations") u jekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni kienx "fair and honest". Il-Qorti ma tistax, pero`, tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha, bhala opportunita` jew espedjenza, ghal dik ta' l-ufficjal jew tal-korp li jkun."* (**Neg. Ugo Pace v. Prof. Joseph Anastasi Pace noe** deciza fl-1 ta' Mejju 1946 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Vol. XXXII-II-317 li kienet dwar stharrig gudizzjarju tal-*War Damage Commission*.)

(b) *"Illi ghalhekk il-Qrati ordinarji, fil-kaz prezenti, ga ladarba d-decizjoni ta' l-Emergency Compensation Board hi "final" u appell minnha ma hux statutorjament permess, ghandhom biss "dan is-sindakat limitat", jigifieri illi jaraw (1) jekk fid-decizjoni hemmx xi haga "ultra vires" u (2) jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali."* (**Antonio Sammut v. John Bell Mc Cance noe** deciza fid-29 ta' Mejju 1946 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili -- Vol. XXXII-II-350)

(c) *"Illi gie bosta drabi ritenut mill-Qrati Taghna illi d-decizjonijiet ta' tribunal specjali tali, meta ma hemmx appell statutorju minnhom, jistghu jigu sindakati mit-tribunali ordinarji, imma "biss" sabiex dawn it-tribunali jikkontrollaw eccess ta' gurisdizzjoni u jinfurzaw l-applikazzjoni tar-regoli ta' gustizzja naturali."* (**Josephine Caruana v. Walter Attard** deciza mill-Prim Awla fit-22 ta' Novembru 1951 Vol. XXXV-II-514 – stharrig gudizzjarju tal-Bord tal-Kera).

(d) *"Il-problemi tal-principji ta' gustizzja naturali f'dan il-kaz, qamet fil-kuntest tal-kwistjoni tal-qasma tal-wirt, izda mhix il-problema tal-kwistjoni tal-qasma tal-wirt li dwarha t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni eskluziva. Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, ... din il-Qorti ghandha*

*gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza biex tara jekk l-arbitru tat-Tribunal tal-Arbitragg dwar il-Qsim tal-Wirt mexiex bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali ..."* (**Maria Grech v. Raymond Mintoff et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru 1985 mill-kompjant Imhallef Wallace Ph. Gulia).

(e) *"F'ebda disposizzjoni ta' l-Att Numru XXX tal-1976 ma hija moghtija s-setgha lit-Tribunal Industrijali biex jiddeciedi dwar il-legalita` tas-sentenzi jew decizjonijiet li jemanaw minnu jew dwar in-nullita` tad-digrieti tieghu ... Il-gurisdizzjoni allura qieghda f'dik il-Qorti li ordinarjament tiehu konjizzjoni ta' materji ta' natura civili li ma jkunux fdati f'xi qorti ohra bis-sahha ta' ligi miktuba. Din hija l-Qorti Civili, Prim Awla."* (**Thomas Montalto v. Lucienne Chircop** deciza fit-18 ta' April 1987 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.)

Jigi precizat, li sa l-1995 – u cioe` sad-data li fiha s-sentenzi fuq kkwotati inghataw – l-Artikolu 32(1) tal-Kap. 12 kien jaqra hekk: *"Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta' natura civili, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s'issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma' biddel dan il-Kodici."* (nota *in calce* nru. 8, *supra*). L-Artikolu 32 gie sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995, u dan l-Att zied il-gurisdizjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal kawzi ta' natura kummercjali, u biddel ftit l-ahhar parti tad-disposizzjoni. B'hekk dak li sar l-Artikolu 32(2) gie jaqra hekk: *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor."* Pero` din id-disposizzjoni l-gdida ma biddlet bl-ebda mod fis-sustanza l-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla.

Dan l-Artikolu 32(2) rega' gie sostitwit bl-Att XXXI ta' l-2002 (ara wkoll n-nota *in calce* nru. 6, *supra*) u dak li hu

Ilum l-Artikolu 32(2) jaqra hekk: *"Il-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom."* Dan it-tibdil fid-dicitura u senjatament l-kancellament tal-kliem *"jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor"*, ukoll ma jnaqqsu xejn mis-setgha tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li tissindika decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji – hlief naturalment safejn il-ligi ma tipprovdix espressament mod iehor – stante li dawn il-kwistjonijiet ta' stharrig gudizzjarju huma ta' natura civili [9].

Fid-dawl ta' dan kollu, l-azzjoni ta' l-appellant ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal *de quo* tista' biss tigi ikkunsidrata mill-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha li tinkludi fiha s-setgha li tivverifika l-legalita` ta' prononzjamenti ta' tribunali gudizzjarji u kwazi-gudizzjarji. Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-istharrig gudizzjarju in forza tal-gurisdizzjoni generali konferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, jista' fis-sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiz-zewg kazi l-ezercizzju huwa dejjem dak li jara li l-eghmil amministrattiv f'kaz wiehed u l-pronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-kaz l-iehor jkunu fil-parametri tal-ligi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap. 12 jikkonferixxi din is-setgha lill-Prim Awla taht zewg disposizzjonijiet separati.

Ghaldaqstant, dan it-tieni aggravju ta' l-appellant qed jigi michud.

**L-ewwel aggravju**

L-ewwel aggravju jikkoncerna l-meritu propju ta' dan l-appell. F'dan l-aggravju l-appellant jargumenta li t-

---

[9] Ghall-kompletezza, issir referenza ghar-regolament 6 ta' l-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qorti Civili (A.L. 396/2003, kif sussegwentement emendat) li jipprovdi li "Lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja".

Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma kellux gurisdizzjoni li jieħu konjizzjoni ta' l-ilment ta' l-appellat odjern billi huwa kellu gurisdizzjoni biss fejn il-Gvern ikun għamel xi ħaġa ħażina, u mhux f'kazijiet, bħal dak odjern, fejn il-Gvern ma jkun għamel xejn u fejn ma kien hemm l-ebda promozzjoni. Il-pern ta' din il-kwistjoni idur fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 6(1) ta' l-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Kap. 394).

Dan l-Artikolu 6(1) jipprovdi hekk:

*"It-Tribunal ikollu s-setgħa li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun ġarrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha, jew ta' xi inkapacita jew restrizzjoni li kellha ġġarrab b'xi azzjoni meħuda minn xi waħda mill-persuni li għalihom japplika dan l-Att dwar kull wieħed minn dawn li ġejjin:*

*(a) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' uffiċjali pubbliċi;*
*(b) ħatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri uffiċjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'liġi;*
*(c) dħul fl-impieg;*
*(d) liċenzji jew permessi meħtieġa bil-liġi;*
*(e) kull ħaġa oħra li tista' tiġi approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati."*

Huwa evidenti li dan it-Tribunal ma huwiex vestit b'gurisdizzjoni li jinvestiga l-ingustizzji kollha taħt il-kappa tax-xemx, izda biss dawk l-ingustizzji imsemmija fl-Artikolu 6: l-introduzzjoni innifisha ta' l-Att in kwistjoni tgħid li dan l-Att huwa intiz *"biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Tribunal indipendenti għas-smiegħ ta' ilmenti ta' __certi__ ingustizzji li ġraw bejn l-1987 u l-1995."* (enfasi mizjud).

Jidher li huwa paċifiku bejn il-partijiet f'din il-kawza illi fil-perjodu in kwistjoni ma kienx hemm ezercizzji għall-promozzjonijiet għall-grad ta' marixxall. L-appellant jgħid illi l-ħsieb tal-legislatur wara l-Artikolu 6 imsemmi kien illi

hadd ma jista' jordna lill-Ezekuttiv jaghti promozzjonijiet, "imma, meta offruti, dawn kellhom isiru b'mod li jkun hemm inkluzjoni debita fl-ghazla tal-kontendent jew kontendenti li jkun hemm". L-appellant ikompli jissottometti illi biex jista' jinghad li persuna giet eskluza jew "thalliet barra" jrid ikun hemm il-haga disponibbli u l-element ta' l-ghazla, u cioe` fil-kaz *de quo* irid ikun hemm il-process ta' l-ghazla ghal promozzjoni. Min-naha l-ohra, l-appellat jargumenta illi huwa gie eskluz mill-grad ta' marixxall minkejja li kien hemm disponibbli vaganzi ghal dan il-grad, u li konsegwentement kien hemm eskluzjoni indebita mill-possibilita` ta' promozzjoni.

Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, fuq dan il-punt l-appellant ghandu, in parti, ragun: meta wiehed jilmenta li kien hemm "eskluzjoni" dan jimplika paragun bejnu u bejn persuna ohra jew grupp ta' persuni. La darba wiehed jallega "eskluzjoni", huwa necessarjament qed jimplika li kien hemm "inkluzjoni" (ta' xi hadd iehor), u cioe` li persuna fl-istess kondizzjoni tieghu giet inkluza f'xi esercizzju, waqt li hu gie eskluz, jew imholli barra. Fil-kaz odjern ma sar l-ebda ezercizzju ta' promozzjoni, u ghalhekk ma jistghax jinghad li l-appellat gie eskluz f'ezercizzju fantazma.

Pero` fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-appellat jargumenta wkoll li l-azzjoni ta' l-appellant li ma jaghtihx promozzjoni tikkwalifika wkoll bhala <u>restrizzjoni</u> fil-ghoti ta' hatriet jew promozzjonijiet, taht l-istess Artikolu 6 tal-Kap. 394.

Il-kelma "restrizzjoni", fil-fehma tal-Qorti, ma timplikax necessarjament paragun bejn min jaghmel l-ilment u persuni ohra fl-istess kundizzjoni tieghu, ghax jista' jkun li kategorija shiha ta' persuni fl-istess kundizzjoni, tigi assoggettata ghal restrizzjoni partikolari. Naturalment irid jigi determinat jekk tali restrizzjoni kienitx wahda gusta jew ingusta, pero` dan kien il-kompitu esklussiv tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ghalhekk fil-kaz odjern irid jigi determinat jekk l-appellat kienx qieghed ibati minn xi "restrizzjoni" fit-termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 394. Mix-xiehda ta' Dottor Victor Borg

Grech, li ghal parti miz-zmien rilevanti kien Registratur tal-Qrati Superjuri, jirrizulta illi kien gie propost li l-appellat jaghmel xoghol ta' marixxall *"sakemm jiehu certa esperjenza, biex imbaghad il-quddiem isir Marixxall"*, u dan ghaliex skond l-istess xhud *"(d)ak iz-zmien fil-fatt promotions ta' din il-kwalita` kienu jsiru aktar fuq kapacita` milli fuq seniority".*[10] Ghalhekk jirrizulta li l-appellat kien gie imwiegħed li jekk jaghmel xoghol ta' marixxall biex jakkwista l-esperjenza, huwa kien se jkollu l-possibilita` li jigi kkunsidrat ghal promozzjoni ghall-grad ta' marixxall.

Mill-provi migbura quddiem it-Tribunal ma jirrizultax jekk in-nuqqas li jsir ezercizzju ta' promozzjonijiet fil-grad ta' marixxall kienx il-frott ta' decizjoni konxja li ttiehdet f'xi zmien jew semplicement ta' prokrastinazzjoni endemika f'certi dipartimenti tal-Gvern. Pero` jidher li ghall-inqas fil-mument li fih l-appellat gie moghti d-doveri ta' marixxall, ma kienx jidher li se jkun hemm intoppi ghal eventwali ezercizzju ta' promozzjoni. Ghalhekk bl-agir tieghu l-appellant holoq *a legitimate expectation* favur l-appellat li jekk hu jakkwista l-esperjenza necessarja, hu kien se jkollu l-possibilita` li jigi promoss ghal grad ta' marixxall. Din l-aspettattiva giet ukoll konfermata f'xi punt mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja li kien wieghed lill-appellat u lil shabu li kien se jaghmel ghaxar marixxalli[11]. Pero`, nonostante dan, xorta ma sarux promozzjonijiet fil-grad ta' marixxall.

Kemm jekk dan in-nuqqas li jsir ezercizzju ta' promozzjonijiet fil-grad ta' marixxal kien attriwibbli ghal decizjoni konxja li ttiehdet f'xi zmien, u kemm jekk kien kaz ta' prokrastinazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-appellant, ghal raguni jew ghal ohra, kien qed jirrifjuta li jaghmel dan l-ezercizzju ta' promozzjonijiet. Dan in-nuqqas jikkwalifika bhala "restrizzjoni" dwar promozzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 394. Fil-kaz odjern ma jistax jinghad li l-appellat ma "ghamel xejn", kif qed jissottometti fir-rikors

[10] Ara xhieda ta' Dottor Victor Borg Grech a fol. 32 tal-process tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Ara wkoll il-verbal tal-14 ta' Mejju 2001 li fih l-ewwel Qorti kienet ordnat l-allegazzjoni tal-process quddiem it-Tribunal sabiex dan ikun jista' jigi ezaminat.

[11] Ara xhieda ta' Pinu Axiaq a fol. 21 tal-process tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

ta' appell tieghu. Il-kelma "azzjoni"[12] fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 394, tinkludi neccessarjament fiha kull komportament li jkollu effett fuq xi haga jew xi hadd, u konsegwentement tinkludi l-ipotesi li persuna tirrifjuta li tagixxi meta tkun ragjonevolment mistennija li tagixxi. Fil-kaz odjern, dan ir-rifjut ta' l-appellant kellu l-effett li jcahhad lill-appellat mill-possibilita`, jew ahjar jirrestringi l-possibilita`, ta' l-appellat li jippartecipa f'ezercizzju ghal promozzjoni, minkejja l-fatt li l-appellat kien gie mwieghed li se jkollu din il-possibilita` jekk jakkwista l-esperjenza ta' marixxall. Ghaldaqstant, l-ilment ta' l-appellat kien jaqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 394.

Taht dan l-ewwel aggravju l-appellant jargumenta wkoll illi bid-decizjoni tieghu t-Tribunal kiser l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, meta huwa jippretendi illi jezawtora lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku milli, f'kaz li kellu jkun hemm promozzjonijiet, tikkunsidra min hu l-ahjar kandidat ghall-post ta' marixxall, u dan peress jigi li iddecieda aprioristikament illi f'kaz illi jsiru promozzjonijiet wahda minnhom kellha bil-fors tinghata lill-appellat.

Dan l-argument ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-funzjonijiet li t-Tribunal gie moghti bil-ligi. Minn qari ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.394 fuq citat, ma hemmx dubbju li t-Tribunal gie moghti setgha jesprimi l-opinjoni tieghu fuq jekk kienx hemm xi ingustizzja fit-termini ta' l-istess artikolu, fuq hatriet, promozzjonijiet u trasferimenti ta' ufficjali pubblici, minkejja l-fatt li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija wkoll moghtija mill-Kostituzzjoni certi funzjonijiet fir-rigward ta' l-istess. Anzi il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tidher li hija wkoll "persuna" li ghaliha l-Att VIII ta' l-1997 jista', f'certi cirkostanzi, japplika – ara l-Artikolu 5(3)(b) u t-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 394.[13] Pero` huwa car minn qari ta' l-Artikolu 7(9)(c)(d)(11) tal-Kap. 394, illi d-decizjonijiet tat-Tribunal ma humiex ezegwibbli *per se* u mill-istess Tribunal, izda huma semplici rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu

[12] "…b'xi azzjoni mehuda…".

[13] Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti kif illum komposta fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Pulizija et v. Joseph Rizzo** deciza fis-27 ta' Frar 2003.

implimentati mill-Prim Ministru. F'kawzi fejn l-ufficjal pubbliku li jaghmel ilment ikun ghadu impjegat u t-Tribunal jirrikmanda rimedju kompensattiv, cioe` li jinghata promozzjoni, dan ikun ifisser li l-Prim Ministru ghandu jiehu l-mizuri necessarji sabiex jinbeda' l-process normali ai termini ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni sabiex il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku taghti r-rakkomandazzjoni taghha jekk dak l-ufficjal pubbliku ghandux effettivament jigi promoss jew le. Ghalhekk il-fatt li t-Tribunal jaghti rimedju kompensattiv kif ghandu d-dritt li jaghmel taht il-Kap. 394 ma jfissirx li b'daqshekk qed juzurpa l-poteri tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku taht il-Kostituzzjoni.

Il-problema fil-kaz *de quo* hija li l-appellat kien lehaq telaq mill-impieg tieghu fis-servizz pubbliku minhabba l-eta`, u ghalhekk it-Tribunal ma setax jirrakkomanda rimedju kompensattiv. Fil-parti disposittiva tad-decizjoni tieghu, it-Tribunal qal hekk: *"Peress illi ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrakomanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira (LM1000)."* Galadarba t-Tribunal sab li kien hemm ingustizzja, hu kellu d-dover skond il-Kap. 394 li jirrakkomanda rimedju; u peress l-appellat kien spicca mix-xoghol bl-eta` tal-pensjoni, l-uniku rimedju li t-Tribunal seta' jirrakkomanda skond il-ligi kien li jinghata kumpens finanzjarju, kif fil-fatt ghamel. Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza **Il-Kummissarju tal-Pulizija et v. Joseph Rizzo** deciza fis-27 ta' Frar 2003:

*"Pjuttost din il-Qorti tara li l-paragrafi (c) u (d) (ta' l-Artikolu 7(9) tal-Kap. 394), jistabilixxu bejniethom gerarkija ta' preferenzi: idealment ghandu jkun hemm ir-rimedju kompensattiv ("redress in kind"); pero jekk ir-rakkomandazzjoni ghal dan ir-rimedju ma tkunx tista' titwettaq jew jekk it-Tribunal mill-ewwel jara li mhux possibbli li jkun hemm dan ir-rimedju kompensattiv, allura jidhol fix-xena l-kumpens f'somma determinata ta' flus."*

Minn dan isegwi li f'dawk il-kazijiet, bhal dak odjern, fejn it-Tribunal ikun irrikmanda biss kumpens finanzjaru, l-funzjonijiet tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku taht l-

Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ma jistghux jigu ezercitati billi t-Tribunal ma jkunx irrakkomanda promozzjoni. Huwa veru li f'kazijiet simili ghal dak odjern, it-Tribunal ikun esprima l-opinjoni tieghu dwar kwistjoni li tkun tirrigwarda promozzjoni minghajr ma' l-Kummissjoni jkollha wkoll l-opportunita` li tesprimi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet taghha fir-rigward. Pero` dan huwa konsegwenza ta' dak li jiddisponu l-Artikolu 6 u 7 tal-Kap. 394. L-appellant ma hux qieghed jallega li l-Artikoli 6 u 7 tal-Kap. 394 huma in vjolazzjoni ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni – u certament dan ma hux il-forum idoneju fejn jista' iressaq ilment simili. Fil-kaz odjern, it-Tribunal agixxa fil-parametri tas-setghat lilu moghtija mill-Kap. 394, u ghalhekk ma jistax jitqies li agixxa *ultra vires.*

Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**It-tielet aggravju**

Permezz tat-tielet aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti implikat fis-sentenza taghha li setghet rat it-talba tieghu f'dawl iehor kieku issolleva l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni quddiem it-Tribunal. Presumilment, l-appellant qieghed jirreferi ghal dak li qalet l-ewwel Qorti f'pagna 6 tas-sentenza taghha fejn jinghad hekk: *"Jigi rilevat li fil-proceduri quddiem it-Tribunal din l-kwistjoni ma gietx ezaminata u dana principalment billi l-istess Direttur Generali tal-Qrati lanqas biss indenja ruhu li jippresenta risposta ghall-att promotorju kif gie rilevat fis-sentenza ta' l-istess Tribunal."* Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kwotazzjoni hija semplicement asserzjoni ta' fatt li ma hux kontestat, u bl-ebda mod ma timplika dak li qieghed jipprova jaqra fiha l-appellant.

Ghaldaqstant anke dan it-tielet aggravju qed jigi respint bhala li ma hux gustifikat.

**Ir-Raba' aggravju**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-appellant jallega illi mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal ma kienx jirrizulta li l-appellat kien jezegwixxi l-funzjonijiet ta'

Marixxall tal-Qorti meta ma kienx jokkupa din il-kariga. Issa, huwa ovvju li b'dan l-aggravju, l-appellant qieghed jipprova jerga' jiftah il-kamp tal-provi quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Kif inhuwa risaput, f'ezercizzju ghal stharrig gudizzjarju, il-qorti ordinarja hija limitata li tara l-legalita` tad-decizjoni in ezami – fi kliem iehor jekk tali decizjoni ittiehditx fil-limiti tas-setghat moghtija mil-ligi principali lit-tribunal in kwistjoni, cioe` hix *ultra vires,* inkluz jekk gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali. Skond l-Artikolu 6 tal-Kap. 394, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu *"s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja"* fuq il-kwistjonijiet elenkati fl-istess Artikolu. Galadarba huwa stabbilit li t-Tribunal kellu gurisdizjoni li jiehu konjizzjoni ta' l-ilment ta' l-appellat u li hu ma agixxiex *ultra vires* il-limiti imposti fuqu mil-ligi, la l-Prim Awla u anqas din il-Qorti ma jistghu jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal f'dak li huwa l-apprezzament tal-provi u dwar jekk fil-kaz konkret l-appellat sofriex verament ingustizzja kif kien qed jallega, jew le. Konsegwentement anke dana l-aggravju qed jigi respint.

**Il-hames aggravju**

Fl-ahharnett, l-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti u t-Tribunal interpretaw il-kliem *"ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita"* fl-Artikolu 6 tal-Kap. 394, b'mod erroneju anke mil-lat ta' l-ispirtu politiku u r-*ratio legis* ta' dak l-Att.

Dan l-aggravju huwa konness ma l-ewwel aggravju. Kif diga rajna, skond l-Artikolu 6 l-ingustizzja tista' tkun mhux biss konsegwenza ta' *"xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita"* – li necessarjament jimplikaw paragun ma' persuni ohra fl-istess kundizzjoni – izda din l-ingustizzja tista' tkun wkoll konsegwenza ta' *"xi inkapacita` jew restrizzjoni"* – li mhux necessarjament jimplikaw tali paragun.

Pero f'dan l-aggravju, l-appellant izid jghid wkoll illi skond hu ir-*ratio legis* tal-Kap. 394 jeskludi *a priori* l-kompetenza tat-Tribunal illi jiehu konjizzjoni ta' talbiet bazati mhux fuq

xi haga li saret gdida wara d-9 ta' Mejju 1987, izda fuq haga li kienet kontinwazzjoni wara d-9 ta' Mejju 1987, ta' stat ta' fatt illi kien jissussisti qabel, bhal ma hu l-kaz odjern. Huwa minnu illi l-ghan tal-Kap. 394 kien principalment illi jipprovdi rimedju ghall-ingustizzji li l-legislatur deherlu li saru bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995. Fil-fatt l-Artikolu 5(4) jippreskrivi illi: *"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995."* Pero` l-Kap. 394 bl-ebda mod ma jeskludi mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal atti u omissjonijiet li jkunu jikkostitwixxu ingustizzji li jkunu bdew qabel id-9 ta' Mejju 1987 u komplew wara din id-data. Fil-kaz odjern, in-nuqqas li jinbeda ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal grad ta' marixxall sehh l-ewwel darba qabel id-9 ta' Mejju 1987 u kompla wara din id-data, minkejja l-fatt li wara din id-data l-appellat thalla jkompli jaghmel xoghol superjuri ghall-kariga li huwa effettivament kien jokkupa u thalla jkompli jrawwem l-isperanza li xi darba dan l-ezercizzju ta' promozzjonijet isir. It-Tribunal korrettament illimita d-decizjoni tieghu ghal dak li gara mid-9 ta' Mejju 1987 sa Marzu 1989, meta l-appellat hareg bil-pensjoni, u ghalhekk ma jistax jinghad li huwa agixxa *ultra vires* il-gurisdizzjoni lilu moghtija bil-ligi. Konsegwentement anke dana l-aggravju qed jigi respint.

**Decide**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant Direttur Generali tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------